MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH S. REFALO**

Seduta tal-5 ta' Jannar, 2005

Talba Numru. 1485/2004

**Untours Insurance Agents Ltd (C5655) ghal Qatar Insurance Company surrogata fid-drittijiet ta' Joseph Busuttil u l-istess Joseph Busuttil ID391165M**

**vs**

**Darmanin Stephen**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-21 ta' Lulju, 2004 fejn intalab il-hlas ta' hames mija u tnejn u tletin lira Maltija u sittax-il centezmu (Lm532.16) in linea ta' danni, in kwantu ghal erba' mija u sebgha u sittin lira Maltija u sitta u sittin centezmu (Lm467.66) lill-Untours Insurance Agents Ltd noe u in kwantu ghal**

**erbgha u sittin lira u hamsin centezmu (Lm64.50) lil Joseph Busuttil, danni subiti in segwitu ghal incident stradali li sehh ir-Rabat fis-16 ta' Jannar, 2004, bejn Fiat Seicento nru. CBG 891 misjuqa mill-attur u Toyota nru FBG 704 misjuqa mill-konvenut.**
**Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali prezentata mal-avviz ai termini tal-kap.104 u bl-imghax skond il-Ligi kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta ta' Stephen Darmanin prezentata fil-11 ta' Awissu, 2004, fejn intqal :**
**Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez stante li l-incident tat-traffiku in kwistjoni ma garax tort u htija tal-eccipjenti, izda gara unikament tort ta' Joseph Busuttil is-sewwieq tal-vettura numru CBG 891 u dana kif sejjer jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;**
**Salvi eccezzjonijiet ohra.**

**Semgha x-xhieda ta' Joseph Busuttil, Karmenu Borg, Desmond Borg, Philip Attard, Stephen Darmanin u Christine Darmanin. Ra l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza u ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Semgha lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw il-kaz.**

**Ikkunsidra:**
**1. Il-kaz jirrigwarda kollizjoni li sehhet f'Valletta Road, cioe` it-triq li taghti ghar-Rabat, bejn il-vettura Fiat Seicento bin-numru ta' registrazzjoni CBG-891 misjuqa minn Joesph Busuttil, u l-vettura Toyota bin-numru ta' registrazzjoni FBG-704 misjuqa mill-konvenut.**
**2. L-attur kien qed isuq f'Valletta Road, man-naha tac-cint u miexi bil-mod, sejjer fid-direzzjoni tar-Rabat, u kellu mieghu lil Carmelo Borg u Desmond Borg. Skond l-attur il-vann tal-konvenut gie minn warajh, qabez il-linja l-bajda u habat fil-genb tieghu u kahhlu mal-hajt. Fil-parti fejn kien ghaddej t-triq gejja fit-tond. L-attur ma kienx cert jekk kienetx gejja karrozza minn faccata. Wara il-habta l-konvenut mexa xi distanza qabel ma waqaf u l-attur saq ghall-warajh.**

**3. Skond Desmond Borg, li kien passiggier fuq quddiem fil-vettura tal-attur, kienet tassew gejja karrozza mid-direzzjoni opposta, filwaqt li l-konvenut kien qed jeffettwa surpass, u laqathom bir-rota ta' wara tieghu mal-bieba tas-sewwieq.**

**4. Karmenu Borg, passiggier fuq wara fil-vettura tal-attur, jikkonferma li l-konvenut kien qed jaqbizhom meta giet karrozza mid-direzzjoni opposta, u biex ma jolqotiex, laqat lilhom.**

**5. Il-konvenut jikkonferma li kien miexi wara l-attur u li meta dan kien fin-nofs tal-karreggata hu ittenta li jissorpassah, peress li hemmhekk jghaddu tlett karozzi. Skond il-konvenut, appena qalghu, u meta kien gja in parti ghaddih, l-attur laqtu minn wara. Il-konvenut jikkonferma li kien hemm karrozzi gejjin mid-direzzjoni opposta, pero` jghid li dawn kienu fil-karreggata taghhom.**

**6. Skond Christine Darmanin, bint il-konvenut, meta l-konvenut qabez u waslu hdejn xulxin, l-attur habat fih.**

**7. Mill-provi mismugha t-Tribunal hu tal-fehma li l-konvenut kellu jezercita l-akbar diligenza, mhux biss ghax kien qed jeffettwa sorpass, izda wkoll peress illi tassew kienu gejjin vetturi mill-faccata. Issa, jekk wiehed jaccetta dak li qed jghid l-istess konvenut, cioe` li l-attur kien fin-nofs tal-karreggata tieghu, dan ma jhallilux wisq spazju minnn fejn jghaddi jekk tkun gejja vettura mill-faccata, kif fil-fatt wiehed jista' jara mir-ritratt esebit Dok.SD, u ghalhekk hu verosimili li l-konvenut, ghaddej kif kien vicin tal-attur, necessarjament kiser xi ftit u laqat bir-rota ta' wara l-genb ta' quddiem u l-bieba ta' quddiem in-naha tal-lemin tal-vettura tal-attur. Id-danni riportati fil-vettura tal-attur skond ma jindikaw ir-ritratti Dok.PA1 u PA2, huma konformi ma dak li ntqal. Kien jispetta lill-konvenut li jezercita l-massima prudenza fil-manuvra tas-sorpass, haga li m'ghamilx. Ghalhekk ghal dan l-incident ghandu jigi ritenut unikament responsabbli l-konvenut.**

**8. Id-danni jirrizultaw fl-ammont mitlub skond id-Dok.A sa Dok.G esebiti.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal filwaqt illi jiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident li sehh jikkundannah ihallas lis-socjeta` attrici Untours Insurance Agents Ltd noe s-somma ta' erba' mija u sebgha u sittin lira Maltija u sitta u sittin centezmu (Lm467.66), u lill-attur Joseph Busuttil is-somma ta' erbgha u sittin lira u hamsin centezmu (Lm64.50) bl-imghaxijiet li jibdew jiddekorru mill-lum.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, komprizi dawk tal-ittra ufficjali prezentata mal-avviz ai termini tal-Kap.104 tal-Ligijiet ta' Malta, ghandhom jigu sopportati mill-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------